# FERHA BLA TEMMA

*Ta'* A. Guillaumier

KULĦADD kien jafu. Raġel qsajjar u miżrek, xagħru beda jiżżewwaq sewwa u jitferraq ħafna mill-ġnub, b'xi sidrija u qalziet imraqqgħin b'lewn ieħor u bla ebda dendil mal-qmis. Kliemu mqit u ħelu, wiċċu dejjem jitbissem u fuq kollox kellu ħaġa li taqilgħu fil-ħajja — kien ħajjen. Ta' kultant kont tarah għaddej b'xi telliesa fuq kitfejh u wara li jkun laqqat xi erba' loqmiet ġmielhom, arah sejjer dritt bihom għand xi ħadd li jkollu l-bhejjem u kien iqabbilhom għal ftit soldi. Kollox kien jagħmel għall-flus, iġorr xi karettun ta' l-idejn mgħobbi bl-imbarazz u jieħu minn tarf sa ieħor tar-raħal, ibajjad xi għorfa wara li tkun swiedet bil-ġmied tal-musbieħ jew tal-lampa tal-pitrolju, jaħrat xi għalqa meta jiġi mitlub minn xi ħabib u jiżbor ukoll xi siġra. Il-kappillan xwejjaħ tar-raħal mhux l-ewwel darba li sejjaħlu biex jagħmel għassa ma' xi mejjet li jkunu ħaduh hemm bil-funeral, u dan arah kollu ferħan talli jkun ser iħassel xi sold minn fuq dahar l-imsejken mejjet. Drabi oħra kien iqabbdu jaħsillu l-knisja minn barra sa ġewwa u ta' dan kollu kien jiddobba xi ftit bċejjeċ tar-ram(1) u l-għaxa.

Lil Pinu kulħadd kien jaqtgħu xi bniedem tal-flus. Kien jaħdem minn sbieħ Alla sakemm id-dlam, kien jifrex l-għata tiegħu fuq id-dinja. Habba li hi ħabba ma kienx jonfoq. Dejjem jurihom id-dlam u meta jkun mixtieq għal xi terz, għalkemm kienet tkun xi ħaġa kbira li tarah ilegleg, kien jixxierek ma' xi żewġt iħbieb tiegħu biex jistidnuh. L-iktar żewġt iħbieb li kien iħobb jagħmilha magħhom kienu Frenċ ta' Brajdu u Paċikk It-Twil, billi hu kien igħid, "dawn huma l-iktar tnejn li jħobbu jdaħħlu idejhom fil-but". Meta Frenċ u Paċikk kienu jlestu mix-xogħol tal-qasam kienu jintasbu fil-ħanut ta' Wenzu l-Gerbubi, jeħdulek xi nofs u jibqgħu hemm jitħaddtu fuq l-insib, kemm qabdu għasafar u x'ġens huma, kemm għaddiet passa jew ma għaddiet xejn u bosta rqaqat oħra sakemm kien jissieħeb magħhom Pinu. Dan kien jagħżel rokna sabiex ikun jista' jserraħ dahru maż-żewġ ħitan u jekk ma kinux joffrulu biex jieħu xi qatra u jkompli magħhom, ma kienx ibill griżmejh.

(1) Bċejjeċ tar-ram: xi soldi.

Mill-but tas-sidrija maħmuġa u mitfija minn lewnha biż-żmien kien joħroġ il-pipa tal-fuħħar, jimlieha bit-tabakk tal-weraq tad-dwieli mnixxef u mqatta' bċejjeċ, imbagħad wara li jkun kebbisha kien jibda jdaħħan qisu xi ċumnija.

In-nies tar-raħal kollha kienu għajnejhom mitfugħin fuqu. Kienu jqisuh bħala bniedem għani u ma jonqsu xejn. Ħafna min-nies tar-raħal kienu jgħidu illi Pinu kien bieżel żżejjed fil-waqt li oħrajn kienu jqisuh bħala rgħib. Kultant xi żagħżugħ li kien moħħu biss fuq iż-żinżilli u ma jrid jagħmel xejn għajr jitgħażżen u jilgħaq ix-xemx, kien idur qatta bla ħabel kontra x-xeħħa ta' Pinu u jgħidlu illi miegħu ma jieħu xejn ħlief idejh fuq żaqqu. Pinu kien jgħaddas rasu lejn l-art, jitbissem u jibqa' sejjer lejn triqtu. L-iktar ħaġa li kienet tagħtih f'rasu kienet meta kien jiġi mistoqsi fejn igħammar. Kien jibda jitmaħmaħ apposta biex ifixkel lil kull min qed jisimgħu. Bosta drabi ħbieb tiegħu kienu jagħmlulu l-għassa u jaraw fejn hi d-dwejra tiegħu. Bħala frott ta' xogħlhom kienu tkixxfu illi dar Pinu ma kienet imkien u kienet kullimkien. F'għorfa rawh dieħel, rieqed taħt bajtra ġo xi għalqa oħra wkoll, taħt xi ċint, taħt il-bankina u f'xi maxtura wkoll. F'kelma waħda dar Pinu kienet kullim-kien. Iżda l-ġwejjef kienu sejrin imqarrqa bil-ħsieb ta' rashom għax il-makakk kien jintebaħ bi ħsibijiethom u ma kienx imur jorqod l-għorfa tiegħu billi kien jibża' li l-lum jew għada jisirquh.

Darba waħda Dun Saver, il-Kappillan tar-raħal, fuq għaj-dut li beda jisma' fuq Pinu, bagħat għalih u wara li qralu u wrieh biċ-ċar il-ħajja li kien qed igħix fiha waħdu, jorqod barra u anki maħmuġ, qallu. "Issa int Pin ma jmissekx tinġabar, issib xbejba sewwa u tiżżewwiġha. Hemm tant xbejbiet fl-abbatija, għaliex ma tiħux waħda minnhom, teħodlok ħsieb ħwej-ġek u anki ruħek u fl-istess ħin tkun għamilt opra ta' karità billi tkun ġbart bint Alla".

Wara li Pinu kien jisma' diq il-prietka kollha bir-reqqa biex jara x'kien jista' jieħu minnha, kien iwieġeb bil-qajla. "Sur Kappillan, isbaħ minn ta' waħdek ma hawnx għax ma jmerik ħadd".

*           *           *

Dak in-nhar għall-ewwel darba f'ħajtu Pinu ħassu ftit li xejn inkwietat. Kliem Dun Saver kien għadu jidwi f'widnejh, daqqa jogħġbu u oħra jwarrbu minn moħħu. Bħala natural Pinu ma kien isewwed qalbu bl-ebda dwejjaq, imma dik l-għodwa qisha

twieldet biex iddallamlu qalbu u ħsibijietu. Beda jtiegħem kliem il-qassis li kien ixjeħ minnu u ra li dak li qallu kien kollu minnu. Dun Saver ma kienx qed igħawweġ kliem minnu meta qallu illi l-ħajja li kien qed igħix fiha hija agħar minn ta' annimal. Kif kien hekk mħerwel baqa' sejjer dritt lejn il-ħanut ta' Wenzu Mgerbeb bil-għan li forsi jdewwi xi ftit u fl-istess ħin jagħmel ħwejjeġ illi f'ħajtu kollha qatt ma għamilhom — jisker minn butu. Kif tfaċċa fil-ħanut, Wenzu stiednu jieħu qatra miegħu. Dil-kelma biss kien jonqsu Pinu biex jibda jimla l-bettija, resaq lejn il-bank u f'nifs wieħed legleg it-tazza ta' l-inbid. "Ara Pinu! Ejja maxtar biċċa ħobż magħna ħabib", qallu raġel fih daqs ġolf li kien fuq mejda bi platt mifrux quddiemu mħawwar bl-imluħa u l-insalata. Wiċċu kien aktarx imlaħħam u billeħja, xagħru sewdieni u mħabbel u miżmum minn naħa waħda b'biritta sewda maħmuġa. Ma kellu ebda ġlekk fuqu għajr sidrija qasira miftuħa li bilkemm tlaħħaqlu sal-qadd u qalziet griż qadim mimli kollu bil-ħamrija. Kont tħarislu lejn sidru kien qisu xi ġgant imma l-kobor ta' żaqq li kellu tellfitlu għal kollox id-dehra sabiħa ta' żagħżugħ. Għall-ikel li jiekol kien tabilħaqq jidher fih.

"Niġi neħdilkom biċċa, Lużar", wieġeb Pinu wara li kien ilu xi ftit iħares lejh jarah jgħaddas idejh fil-platt — jerfa' xi ħaġa fil-waqt li jgħolli rasu 'l fuq, jiftaħ ħalqu u jitlaqha għal isfel.

Lużar resaq ftit u Pinu poġġa bil-qiegħda. Imbagħad silet mus żgħir li kien iħobb iżomm fuqu, wera biċċa ħobż sewda u beda jxappap fiż-żejt u jerfa' l-bċejjeċ ta' l-aringi u ż-żebbuġ mill-istess platt.

"X'int tistħi Żepp? Newwel idejk int ukoll; arahom qishom xi żewġt itfal; irrid ngħidilhom jien biex jieklu".

Iżda l-ħabib tiegħu Żeppi li kien ħdejh bla ma jitniffes, ma kienx bħal ma qal Lużar. Huwa fenda bis-sħiħ meta sieħbu u Pinu kienu qegħdin jitħaddtu bejniethom. Żeppi ma kienx jagħmel għajb lil Lużar mill-ikel, iżda dan mhux bħal sieħbu kien oħxon. Aktarx li żaqqu kienet tmiss ma' dahru bl-għelubija. Tarah jiekol tippretendi xi raġel oħxon.

"Wenz, għamlilna qatra nbid", talbu Pinu li kellu fehma soda li ried jagħmilha dik l-għodwa. "Irrid immur id-dar immiss iż-żewġ ħitan tat-triq", qal bejnu u bejn ruħu qabel ma daħal hemm.

Kull min kien fil-ħanut stagħġeb, m'għandniex x'ingħidu, l-iktar Wenzu billi qatt ma jiftakar illi xi darba daħħal idu fil-but, jisimgħu joffrilhom ix-xorb. Xi wħud bdew igħidu bejniethom, "Jaqaw tala' ħmar l-arblu?" Ix-xorb ġie, inxtorob minnufih u reġa' ġie mitlub.

"Lużar, il-lum mort għall-kaċċa int?" staqsieh Żeppi hekk kif mesaħ ħalqu fil-komma tal-qmis u beda jitmattar.

"Mort", wieġbu l-mistoqsi b'ħalqu mimli bil-ħobż.

"Kif morna?"

"Mhux ħażin. Darba minnhom nispara fuq sponsun u nizziltu ħaj; dak il-mingħul ta' kelb li għandi ma marx jiġri qabli u qatlu! Kelli aptit nispara għalih ukoll", tenna Lużar immasħan.

"Dak fejn jaf. Annimal hu. Għalih kollox jgħodd".

L-inbid ma kien jaqta' xejn minn quddiemhom. Ta' kull darba x-xħiħ Pinu kien qed ikollu jdaħħal idejh fil-but biex iħallas. Lużar u Żeppi kienu mdorrijin jieħdu xi qatra żejda wara l-għaxa u b'dal-ftit inbid li offrielhom Pinu lanqas ħassewha, iżda għall-imsejken Pinu dan kien iżżejjed. Sakemm xorob dal-ftit kien ġa fis-saqra, aħseb u ara li kien bil-ħsieb li jkompli jixrob. Sal-ħdax ta' bil-lejl kien ilu mitluq fuq il-bank fis-sakra ma jarax art. Minn dak is-skiet li kien iżomm meta jkun f'sensih issa sar qisu kalandra. Beda jgħanni kull ma jiġi f'ħalqu u jgħid ħmerijiet illi qasam lil qulħadd bid-daħk. Fost il-bċejjeċ li għamlitlu s-sakra u li ma riedx jurihom kien hemm illi kellu jikxef hu stess fejn kienet id-dwejra tiegħu. Pinu megħjun minn Lużar u Żeppi ħaduh id-dar fejn hu stess kellu jurihom minn fejn jgħaddu. Tefgħuh fuq qatta tiben li kellu f'rokna u telqu 'l barra jitbissmu għaliex kienu tkixxfu fejn kien igħammar.

*   *   *

L-għada sebaħ ftit u xejn għajjien. Is-sakra tal-lejl ta' qabel kienet filġitu xi ftit billi ma kienx imdorri jixrob aktar milli jmissu. Qam u mingħajr ma ħasel wiċċu kif kien, libes bl-istess ħwejjeġ, tmattar ftit u telaq 'il barra mingħajr ma jaf hu stess fejn kien sejjer. Wara bosta ħin ta' mixi Pinu sab ruħu daħel fil-ħanut ta' Wenzu. Intefa' quddiem l-ewwel bank u għaddas rasu bejn idejh.

"Xi ġralna Pin?" staqsieh Wenzu dikment hekk kif resaq lejh imeslaħ it-tazzi.

"Uġigħ ta' ras Wenz. Inħoss rasi qisha kaxxa tad-daqq", wieġeb l-għatrieb meta kien għolla rasu u reġa' difinha lejn kienet.

"Ħa daqsxejn kafè, Pin", offrielu sid il-ħanut meta ferragħ ftit f'tazza. "Dan iġibek f'lokok".

Pinu ħataf it-tazza u beda jniżżel il-kafè. Haġa tal-għaġeb hekk kif xorbu beda jħossu jistejqer minnufih. Kien għadu bil-kemm laħaq ħa nifs minn xħin legleg il-kafè li ma ġiex maħsud minn leħen ta' raġel li kien wara mejda jixrob ftit kafè.

"Ara ħija Patist! X'minnek?" qallu Pinu fil-waqt li resaq lejh u poġġa bil-qiegħda ħdejh.

"Kont għaddej minn hawn u għaddejt nieħu kafè. Int x'għandek Pin? Tidher ma tiflaħx".

"Il-bieraħ ħadt xi qatra żejda u qabditni uġigħ ta' ras. Ma kienx ħin li mort xrobt".

Sakemm dam hemm Patist, Pinu lanqas darba ma stieden lil ħuh biex jixrob għalih għaliex minbarra li kien xħiħ ma kienx jaqbel miegħu. Meta ġew biex iħallu lil xulxin, Pinu kien xott ħafna fi kliemu fil-waqt li Patist bosta drabi stiednu biex imur jagħmillu żjara meta ma jkollux x'jagħmel.

* * *

Patist kellu s-sura ta' ħuh Pinu, iżda mill-karattru u d-drawwiet ma kienu jixxiebħu f'xejn. Patist kien aktarx ħali, iberbaq kull sold li jkollu fit-tombli, fis-sokor u f'ħafna ħwejjeġ oħra illi Pinu jsejħilhom "ħala". Baqa' sejjer lejn id-dar jew aħjar insejħulha gorboġ, fejn martu Liża u ibnu Ġamri kienu qegħdin jistennewh billi mid-dar ħareġ kmieni ħafna.

Ġamri ma kien xejn miġbur bħal zijuh. Aktarx li wiret in-natural sabiħ ta' missieru. Kien aktarx mogħti, bħal ma jsejħulhom ta' l-ibliet, "għall-moderniżmu". Talkies xi darbtejn fil-ġimgħa, jilbes l-aqwa ħwejjeġ fuq għamla Amerikana u jitlagħlek il-Belt kuljum għaliex in-nies tar-raħal għalih saru baxxi wisq.

Patist imbokka d-dar f'milja ta' ferħ, baqa' dieħel ġewwa u sorġa fuq l-ewwel maqgħad.

"Domt ftit Patist", qaltlu martu. "Hadna ħsiebek".

"Halluni....., ħalluni, għax għandi ferħ fuqi l-lum. Għadni kemm iltqajt ma' ħija Pinu. Fejn tafu kif sar, kemm għolob. Bilkemm għandu saħħa jieqaf fuq riġlejh. Rajtu f'ħanut rasu bejn idejh u wiċċu mixrub qisu lumija. Ikolli ngħid ftit fadallu

hajja...... u imbagħad?'' kompla Patist b'leħen żuffjettuż meta ħares lejn martu u ibnu.

''Imbagħad dawk il-flus li għandu eħ Patist? Dawk l-aqwa!'' qabżet Liża fil-ħin.

''Milli tidher ma tridhomx hux Liż?'' issokta żewġha.

''Tridx tmur int! Mur arak int kif issir is-Sur Patist f'salt wieħed. Ajma jommi x'daqqa ta' sieq fid-dawl dik'', tenniet martu b'leħen ċajtier.

''Jien karrozza l-ewwel ma nixtri. Mur arani kemm niġri biha minn fuq dahar iz-ziju Pin. U tispiċċa f'waqt wieħed ix-xeħħa li għandu'', qabeż qal Ġamri biex juri l-għerf tiegħu ta' kif għandu jqassam il-flus.

''Kieku jien'', beda joħlom ukoll il-missier, ''nixtri qasam kbir, nofsu nħallih għaż-żara' u l-bqija ntellgħu djar. Mur ara kif nistagħnew eħ Liż? Kieku ma tibqax aktar Liża ċ-Ċiċra, issir is-sinjura Liża''.

''U ajma xi ksuħat'', wieġbet dikment Liża meta wriet li ħadet għaliha. ''Jekk jien ma nibqax Liża ċ-Ċiċra, inti ma tibqax Patist Tat-Trux. Għalfejn qed tgħajjarni kemm int kiesaħ?''

''Tajba din'', qabeż qal Ġamri wara li dam jisma' ħin twil, ''il-ferħ sa jinbidel fi ġlied? Dawn x'affarijiet huma? Dan ġenn! Il-flus ġà se jibdew jeħdulkom raskom''.

* * *

Xi tliet iġmiegħ wara, Patist bħas-soltu qabad it-triq u ġibidha lejn il-ħanut ta' Wenzu bil-ħsieb li jieħu xi pinta u jgħid xi kelma. Sakemm wasal ma tgħoddx ma' kemm nies iltaqa'. Waqaf iredden ma' Pietru l-parrukkier u tgħidx x'ma qalux. Kulħadd daħal fil-lista tagħhom kull min għandu x'jaqsam u min ma għandux. Wara Pietru, iltaqa' ma' tal-merċa, u ma' Grezzju tal-ħalib illi sabu wara bieb ta' waħda mara jbegħelha miż-żewġ mogħżiet li kellu marbutin b'ħannieqa flimkien minn għonqhom.

''X'hemm Grezz!'' qallu Patist hekk kif resaq lejh u taptaplu fuq kitfejh.

''X'għandna Patist?''

''Id-dinja kif inhi sejra? — Ir-rota ddur?'' reġa' staqsieh Patist.

''U hekk Patist. Mhux dejjem l-istess. Daqqa minn taħt u oħra minn fuq. Imma x-xogħol tagħna spiċċa ħabib. Minn

mindu l-gvern bena l-makna tal-ħalib tal-Ħamrun ma nistgħux noħorġu bil-mogħoż. Irridu bilfors immorru naħilbuhom hemm. Ma tistax tħaddem ftit rasek biex taqla' xi sold żejjed. Ngħid għalija qed nistenna xi taħrika''.

Fil-ħin ħarġet mara xiħa ftit 'il bogħod minnhom minn bieb ta' dar kbira u sejħet lil Grezzju billi ċekċket il-flus ma' qiegħ il-bott.

''Ġej sinjura''.

Grezzju u Patist kellhom jaqtgħu kliemhom u jitilqu għal xogħolhom. Patist wasal wara l-bieb ta' Wenzu u hekk kif stieden xi żewġt iħbieb tiegħu biex ikomplu miegħu daħal ġewwa. Hemm isib ċorma oħra minsubin f'rokna jilagħbu l-karti. Hu newwel banketta u xxierek magħhom f'kemm trodd salib. Tqassmu l-karti u Patist kien imissu jilgħab hu l-ewwel.

''Bi ħsiebek tidħlilna għal-logħob, Patist?'' qallu wieħed mil-lagħaba meta għolla rasu minn fuq il-karti, ħares lejn il-mistoqsi u ġibed nifs 'il ġewwa.

''Jien għal-logħob tal-karti ftit hawn min jirbaħli. L-isbaħ jiem ta' żgħożiti qattajthom bil-mazz tal-karti f'idejja''.

''Itfa' int, Wiġ'', qabeż qallu Kalanġ l-oħxon, huwa u jobrom il-mustaċċi twal li kellu.

''Donna aħjar'', gerger waħdu Wiġi. ''Ilgħab int, Patist''.

''Ta' l-aħħar tefa' karta u kważi battal il-bank għaliex ġabar f'idejh l-aħjar karti li kien hemm. ''M'għidtilkomx jien illi m'hawn ħadd min jirbaħli!''

''Ix-xjafek kif battalt mejda'', qallu Kalanġ dikment.

''Il-lum ġietu tajba minn kullimkien'', qal minn taħt l-ilsien Wiġi.

''Tajba fiex?''

''Ara fiex!'' tenna Wiġi b'leħen ċajtier. ''L-ewwel xrobt xarba minn fuq dahar ħuk u issa ġejt tirbħilna wkoll''.

''Ajma jommi'', għajjat fil-ħin Patist. ''Tixrob minn fuq dahar ħija daqs kemm hu xħiħ. Dak lanqas jiekol sakemm jixba' biex ma jaħlix''.

''Eh Patist'', tenna Kalanġ meta waddab karta fuq il-mejda u ġabar oħra, ''waqt il-festi ma jkunx hemm xeħħa. Wara kollox għal Pinu din hija l-aqwa ġurnata''.

* * *

Meta ntemm il-logħob u ħareġ 'il barra, baqa' jhewden fuq kull ma sama' fil-ħanut. Għall-ewwel ħa kollox biċ-ċajt billi

ma kenitx l-ewwel darba li kienu joqogħdu jiċċajtaw miegħu b'ħuh, iżda mbagħad ftakar illi kliemhom ma kienx taċ-ċajt. Meta lewa l-kantuniera, ġie biswit Neriku l-parukkier u fil-bieb lemaħ lil Dun Spir bil-qiegħda fuq maqgħad jiċċajta ma' żewġt iħbieb tiegħu. Patist resaq fuqu bil-ħsieb li jaqta' l-kurżità.

"X'hemm Dun Spir!" kien l-ewwel kliem ta' Patist meta seraħ idejh ma' dahar il-maqgħad tal-qassis.

"Heq...... kif aħna Patist?" wieġeb Dun Spir. "X'ġiebek hawn?"

"Nagħmillek mistoqsija".

"Għidli".

"Hija Pinu xi ġralu?"

"Pinu? Ma naf li ġralu xejn", issokta l-qassis. "L-aħħar li rajtu ħa grokk ftit żejjed...... imma miskin għamel sew taf għax bħal dal-jum ma jerġax jiġi. Dak kien il-mezz waħdieni għalih li kellu jagħmel. Ma kienx ta' waħdu. Hekk qabillu jagħmel. Fl-aħħar kien se jispiċċa tax-xjuħ. Imma l-Kappillan fetaħlu għajnejh u ħuk wara ħafna sama' minnu".

Patist ma sata' jifhem xejn milli qallu Dun Spir. Kliem il-qassis kien jidwi u jimraħ f'widnejh bla ma sata' jkun jaf it-tifsir tiegħu. Mherwel kif kien, dar fuq Dun Spir u staqsieh bil-kurżità.

"Dun Spir, għadni ma nista' nifhem xejn. Ma nistax nifhem xi trid tgħid biha...... illi hija għamel sew meta xorob...... li bħal dal-jum ma jkollux ieħor...... li ma kienx ta' waħdu u kliem ieħor bħal dan".

Il-qassis baqa' jħares lejh qisu miblugħ. Bilkemm ma bediex jaħseb illi Patist qed jgħaddih biż-żmien.

"Qed tagħmilha ta' l-ibleh?" wieġbu dikment il-qassis meta ħares lejn sid il-ħanut li ried ifisser biha, "ara jien x'kull wieħed jibgħat ix-xitan".

Imma Patist tabilħaqq li ma kien jaf xejn. Dun Spir kompla jgħidlu b'arja ta' wieħed li ma ħax għalih.

"Jewwilla kull ma għidtlek mhux kollu minnu? Meta żżewweġ. Pinu għamel l-aqwa pass. Mela kif kien, jiekol u jorqod barra bħal annimal?"

"Pinu żżewweġ?" qatagħlu kliemu Patist meta għaraq kiesaħ beda jxoqq għalih. "Ma ħadt xi żball hux, Dun Spir? Hija qatt ma ried jiżżewweġ".

"Kif, ma tafx li ħuk iżżewweġ?"

"Le! — Ma nafx. Meta?"

"Jumejn ilu", wieġbu l-qassis filwaqt li beda jrodd slaleb wieħed wara l-ieħor għax bilkemm ried jemmen lil Patist.

* * *

Ma' din l-aħbar, Patist ma kienx jaf xinhu jagħmel aktar. Saħansitra telaq lil Dun Spir bħal erbgħa fost il-ġimgħa qisu ma kien qed jitkellem ma' ħadd u telaq igerger waħdu fuq iż-żwieġ ta' ħuh Pinu.

"Possibbli Pinu żżewweġ? beda jgerfex u jomgħod il-kliem Patist. "Hija kien jistmerru tant iż-żwieġ. Dak qatt ma ried jintrabat ma' ebda mara. Imma Dun Spir mhux bniedem taċ-ċajt. U lili kif kien ma stidinnix? Jien qatt ma għamiltlu xejn". Imbagħad kompla jaħseb u jqalleb xi folja oħra mill-ktejjeb li kellu f'moħħu. "U dil-mara min hi? Ara kif tellfitli xortija! Issa żgur li ntemmet kull tama li għad nistagħna. Saret għanja minfloki. Ja wiċċ ta' ħaġa kerha, avvolja ma nafx min hija, kif xorbithomli minn ħalqi. Iva ħej, fl-aħħar ta' xjuħitu hija kellu jagħmilha u għamilha lili wkoll".

* * *

Baqa' sejjer hekk it-triq kollha. Jehwden u jredden waħdu. Sa fl-aħħar wasal id-dar bla ma ntebaħ b'martu li kienet qiegħda tistennih fil-bieb tal-għorfa. Meta stqarrilha kull ma kien sama' u kull ma kien għadda minn għalih f'dak il-jum, martu Liża wieġbitu xotta xotta.

"Eh Patist, dak li jiġrilu min igħodd il-flieles qabel ma jfaqqsu. Inti kont taħseb illi wasalt biex tiret lil ħuk Pinu, iżda hu kien ġa mhejji x'għandu jagħmel. Tabilħaqq li ferħa bla temma! Ħsibt li erbat ijiem oħra ser issir is-Sur Patist imma mort ħażin bil-ħsieb tiegħek għax bqajt fejn kont. Din ħudha tagħlima Patist, qatt tgħodd l-għasafar li jkunu qed ipassu u tgħid li huma tiegħek".